

POŻIZZJONI VAKANTI

Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani/ Viċi Kap tal-Unità tas-Servizzi tal-Ġestjoni tar-Riżorsi

Unità: Servizzi ta' Ġestjoni tar-Riżorsi

Referenza: ECDC/AD10/2024/RMS-HoSHR

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

L-ECDC qed ifittex Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani b'motivazzjoni għolja, b'ħiliet speċjalizzati u b'esperjenza. Id-detentur tal-impjieg ser jirrapporta għand u jkun id-deputat tal-Kap tal-Unità tas-Servizzi tal-Ġestjoni tar-Riżorsi (RMS).

It-Taqsima tar-Riżorsi Umani tippromwovi ambjent tax-xogħol ta' appoġġ u inklużiv li jattira, jiżviluppa, u jimmotiva forza tax-xogħol multikulturali u professjonali ħafna billi tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja bbażati fuq pariri u komunikazzjoni kompetenti mal-persunal u l-maniġment tal-ECDC.

L-ECDC għandu l-għan li jirrekluta individwu b'attitudni pożittiva, ta' appoġġ u kostruttiva, b'talent fit-tmexxija tan-nies, esperjenzat fil-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni, fil-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani u kapaċi jaħdem b'mod komdu mar-regoli u l-proċeduri u mдорri jaħdem fil-livell tal-maniġment intermedju.

Id-detentur tal-impjieg se jkun responsabbli għall-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Jippjana, jorganizza u jiġġestixxi l-attivitajiet tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HRM) taċ-Ċentru, filwaqt li jiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi u l-ġestjoni finanzjarja tajba fil-qasam ta' responsabbiltà tiegħu/tagħha;
- Imexxi l-persunal fi ħdan it-Taqsima, u jimmaniġġja t-tnejjja u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma u l-baġit annwali u pluriennali tat-Taqsima f'konformità mal-istrateġija u l-għanijiet tal-ECDC;

- Jaġixxi bħala deputat Kap tal-Unità u jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-Unità, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha (inklużi l-kollaborazzjoni, ir-rieżami tal-proċess u t-tfassil mill-ġdid, il-ġestjoni tal-kwalità);
- Jipprovdi tmexxija għolja dwar kwistjonijiet ta' HRM liċ-Ċentru, inklużi gwida, pariri strateġiċi u appoġġ lill-maniġment (eż. id-Direttur, il-Kapijiet tal-Unità, u l-Bord tat-Tmexxija), u l-persunal;
- Jiżviluppa, jimplementa u jiġġestixxi strateġiji, politiki, proċessi u proċeduri tal-HRM u jiżgura konformità mal-qafas legali tal-UE (Regolamenti tal-Persunal tal-UE u regoli ta' implimentazzjoni, regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* eċċ.) fl-oqsma li ġejjin: ir-reklutaġġ u l-għażla; il-ġestjoni tal-prestazzjoni; it-tagħlim u l-iżvilupp; il-benesseri tal-persunal; id-diversità u l-inklużjoni; l-amministrazzjoni tal-pagi u tal-intitolamenti individwali; il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tas-servizz u l-amministrazzjoni tal-persunal;
- Jipromwovi strateġiji u proċessi innovattivi tar-Riżorsi Umani (eż., fl-iżvilupp tat-talenti, id-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni, l-użu tal-IA fir-Riżorsi Umani), biex jiżgura l-operazzjoni effiċjenti tal-organizzazzjoni;
- Jiddefinixxi l-ħtiġijiet u jissorvelja l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT tat-Taqsima, filwaqt li jallinja mal-istrateġija ġenerali taċ-Ċentru għal sistemi integrati ta' tmexxija u appoġġ u filwaqt li jqis l-Istrateġija Diġitali tar-Riżorsi Umani tal-Kummissjoni Ewropea;
- Jimmaniġġja l-proċeduri tal-offerti u l-amministrazzjoni tal-kuntratti ta' servizz rilevanti għall-attivitajiet tat-Taqsima, u jikkoordina u jissorvelja l-kuntratturi esterni;
- Jiżviluppa r-rappurtar tal-ġestjoni tat-Taqsima, li jipprovdi analiżi għat-teħid tad-deċizzjonijiet abbażi tal-analitika tad-*data* lil udjenza wiesgħa (eż. id-Direttur, il-Kapijiet tal-Unità, il-Bord tat-Tmexxija);
- Jikkollabora mal-Kumitat tal-Persunal u jiffaċilita d-djalogu soċjali dwar l-HRM u kwistjonijiet tal-persunal;
- Jipromwovi atmosfera ta' ħidma pożittiva, proattiva, rispettuża u b'saħħitha fl-ECDC, filwaqt li jiżgura kultura ta' eċċellenza, diversità u għoti ta' setgħa lill-persunal;
- Jirrappreżenta lit-Taqsima u lill-ECDC f'laqgħat interni u esterni taħt il-kompetenza tat-Taqsima;
- Jikkollabora u jżomm relazzjonijiet ma' Istituzzjonijiet u Aġenziji Ewropej oħra dwar kwistjonijiet relatati mar-riżorsi umani (eż., il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Aġenziji oħra, inkluż permezz tan-Network tal-Aġenziji tal-UE);
- Iwettaq dmirijiet u responsabbiltajiet oħra li jistgħu jiġu assenjati, u jikkontribwixxi għal attivitajiet oħra tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu/tagħha.
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC kif meħtieġ, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu/tagħha.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għall-istudji universitarji mitmuma

- attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin¹;
- Mill-inqas 12-il sena esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma)²
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu/tagħha³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)⁴;
- Li jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Li jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament kapaċi li jwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga, identifika kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali fil-ġestjoni tar-riżorsi umani miksuba f'pożizzjonijiet rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg u f'kuntest multikulturali;
- Esperjenza mixhuda bi prova fil-forniment ta' funzjonijiet ta' konsulenza lill-maniġment superjuri;
- Esperjenza mixhuda bi prova fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji u l-politiki tar-Riżorsi Umani kif ukoll fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi, ir-regoli u r-regolamenti dwar l-impjieg;
- Esperjenza mixhuda bi prova fil-ġestjoni finanzjarja, fil-kontroll, u fis-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tal-baġit ta' nfiq relatat mal-persunal;
- Mill-inqas ħames snin ta' responsabbiltajiet ta' maniġment operattiv inkluż il-ħila li tiżviluppa relazzjonijiet/networks ta' ħidma tajbin, tmexxi u timmotiva lill-persunal u ttejjeb il-prestazzjoni tax-xogħol;
- Livell eċċellenti ta' Inġliż miktub u mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħiliet maniġerjali eċċellenti, inkluż l-ikkowċjar u l-ġestjoni tal-prestazzjoni;
- Ħiliet eċċellenti ta' orjentazzjoni tas-servizz, komunikazzjoni, negozjar u ġestjoni tal-kunflitti;
- Livell għoli ta' integrità, diskrezzjoni u kunfidenzjalità;

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

² Is-servizz militari obligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

³ Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Inġliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew ogħla).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' lingwa terza tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

⁴ Qabel il-ħatra, il-kandidati magħżula se jintalbu jiprovdu ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juru li ma għandhomx kondotta kriminali.

- Livell għoli ta' reżiljenza f'sitwazzjonijiet diffiċli u kapaċi jadattaw malajr għall-inċertezzi u l-bidliet;
- Viżjoni strateġika u l-abbiltà li jikkomunika din il-viżjoni;
- Filiet organizzattivi b'saħħithom, approċċ strutturat għall-kompiti u l-kapaċità li jipprijoritizzaw u juru l-kapaċità tat-teħid tad-deċizzjonijiet.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ l-applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Bħalissa n-nisa huma sottorappreżentati fil-funzjonijiet ta' ġestjoni. Għalhekk, in-nisa huma mħeġġa japplikaw.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

Id-detentur tal-impjeg se jinħatar abbażi ta' lista mqassra proposta mill-Kumitat ta' l-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari ma tiggarantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess tal-għażla miftuħ.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 10**.

L-applikanti għandhom jinnottaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu biex ilestu b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjeg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Il-proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikunu qed jintbagħtu ħafna applikazzjonijiet fl-istess ħin fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ awtomatiku bl-email li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tal-għażla tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁵ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁵ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.